



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Mejju 2021
(OR. en)

9164/21

ESPACE 61
MARE 18
RECH 272
COMPET 428
MI 397
IND 147
ENV 376
EU-GNSS 29
TRANS 334
TELECOM 227
ENER 239
EMPL 263
CSDP/PSDC 283
CFSP/PESC 521

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	28 ta' Mejju 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8959/21	
Suġġett:	L-Ispazju għall-Persuni fiż-żoni kostali Ewropej - Konklużjonijiet tal-Kunsill (adottati fit-28/05/2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Ispazju għall-Persuni fiż-żoni kostali Ewropej", adottati mill-Kunsill fit-3797 laqgħa tiegħu li saret fit-28 ta' Mejju 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Ispazju għall-Persuni fiż-żoni kostali Ewropej"**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA****FILWAQT LI JFAKKAR**

- A. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jistabbilixxi kompetenza tal-UE fil-qasam tal-Ispazju¹;
- B. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Spazjali għall-Ewropa, ippreżentata fis-26 ta' Ottubru 2016² u speċjalment l-għan strateġiku li jiġi massimizzati l-benefiċċji tal-Ispazju għas-Soċjetà u l-ekonomija tal-UE u r-rwol tal-Ispazju Ġdid;
- C. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Strateġija Spazjali għall-Ewropa" tat-30 ta' Mejju 2017³, li jenfasizzaw il-ħtieġa li jiżdied l-użu ta' teknoloġiji u applikazzjonijiet spazjali biex jappoġġa politiki pubbliċi u jagħti soluzzjonijiet effettivi għall-isfidi tas-soċjetà, u l-importanza ta' kontinwità affidabbli u evoluzzjoni sostenibbli mmexxija mill-utenti tal-programmi ewlenin tal-UE Galileo, EGNOS u Copernicus, b'appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll il-ħolqien ta' pjattaforma Ewropea ta' servizzi mmexxija mill-industrija biex tinġabar id-data ta' Copernicus u jiġi offruti disseminazzjoni u aċċess dejjiema u xierqa għad-data kif ukoll kapażitajiet ta' pproċessar online;
- D. L-evalwazzjoni interim ta' Copernicus ta' Lulju 2017⁴, li kkonfermat ir-rilevanza tal-programm fl-għoti ta' servizzi fil-qasam tal-ambjent u s-sigurtà, bi tweġiba għall-ħtiġijiet operazzjonali tal-utenti tiegħu u taċ-ċittadini Ewropej b'mod ġenerali, filwaqt li għarfet li kien hemm ftit oqsma fejn għandhom jiżdiedu l-prodotti, bħal pereżempju għaż-żoni kostali;

¹ B'mod partikolari l-Artikoli 4(3) u 189.

² Dok. 13758/16.

³ Dok. 9817/17.

⁴ Dok. 13599/17 + ADD1.

- E. Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Soluzzjonijiet spazjali għal Artiku sostenibbli" tad-29 ta' Novembru 2019⁵, li jisħqu li ħafna mill-isfidi u l-ħtiġijiet tal-Artiku huma simili għal dawk ta' żoni kostali u mbiegħda, ibhira u oċeani oħra u li s-sinerġiji u l-koordinazzjoni għandhom jissaħħu ma' inizjattivi oħra, fosthom dawk għal ġestjoni marittima integrata, u jagħrfu r-rwol tas-servizzi tematiċi ta' Copernicus, filwaqt li jfakkru fl-importanza tas-sinerġiji ma' Galileo għal operazzjonijiet ta' trasport sikur, attivitajiet ekonomiċi u monitoraġġ ambjentali;
- F. Is-sejbiet tar-rapport tal-2020 dwar l-ekonomija blu tal-UE, partikolarment il-ħtieġa li jiġi rikonossut u magħruf il-valur tal-oċeani u l-ibhira, huwiex ekonomiku, soċjali, ambjentali jew kulturali; l-ekonomija blu Ewropea bħala parti mill-Politika Marittima Integrata tal-Unjoni tista' u trid tkun pilastru ċentrali u qawwi li jikkontribwixxi għall-Aġenda tal-Patt Ekoloġiku Ewropew bl-irkupru ekoloġiku tal-ekonomija Ewropea u r-reżiljenza tas-soċjetà tagħna;
- G. Id-dikjarazzjoni konġunta tal-UE u tal-ESA mill-2016 u l-ittra ffirmata b'mod konġunt mill-Kummissjoni u l-ESA fis-17 ta' Marzu 2021, it-tnejn li huma jagħrfu li l-Ewropa għandha tgawdi mis-soluzzjonijiet spazjali tagħha għall-politiki pubbliċi u l-prospertà tagħha għall-ġid taċ-ċittadini Ewropej permezz, fost l-oħrajn, tat-titjib tal-ħidma tal-inizjattivi ewlenin tal-UE Galileo u Copernicus;
- H. Ir-Rapport Speċjali Nru 7/2021 tal-Qorti tal-Awdituri dwar "Il-programmi spazjali tal-UE Galileo u Copernicus: is-servizzi ġew varati, iżda l-adozzjoni teħtieġ spinta ulterjuri";
- 1) JAGĦRAF ir-rikonossiment madwar id-dinja ta' Copernicus bħala programm ta' osservazzjoni tad-dinja ewlieni u stabbilit sew, li jipprovdi mezzi għall-appoġġ tal-konservazzjoni tal-pjaneta tagħna u tal-bijosfera tagħha, u b'hekk jappoġġa l-iżvilupp tal-politika biex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini Ewropej b'mod partikolari, u li l-programm huwa essenzjali biex jipprovdi soluzzjonijiet għall-isfidi soċjetali dinjija u huwa strumentali għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, anke permezz tal-iżvilupp ta' applikazzjonijiet downstream;
 - 2) JISĦAQ li l-potenzjal sħiħ ta' Copernicus, Galileo u EGNOS għas-soċjetà u l-ekonomija tal-Unjoni għandu jiġi sfruttat bis-sħiħ, inkluż miżuri ta' adozzjoni mill-utenti u mis-suq biex jiġu stimulati t-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u t-trasferiment tal-għarfien, kif ukoll il-bini tal-kapaċità u l-iżvilupp tal-ħiliet;

⁵ Dok. 14603/19

- 3) JISĦAQ li r-Regolament dwar il-Programm Spazjali tal-UE jinkludi Servizz ta' Copernicus iddedikat għall-monitoraġġ tal-ambjent tal-baħar, li fost l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu għandu l-għoti ta' informazzjoni dwar l-istat u d-dinamika tal-ekosistemi tal-oċeani, tal-baħar u tal-kosta, u jiddikjara l-ħtieġa għal missjonijiet ġodda biex jindirizzaw sfidi globali bħat-tibdil fil-klima, il-perikli tal-baħar, monitoraġġ dirett tal-ekosistemi tal-baħar, kif ukoll servizzi avvanzati u aktar immirati għal komunitajiet tal-utenti ġodda u attwali; JISĦAQ li dan jinkludi wkoll servizz ta' Copernicus iddedikat għall-monitoraġġ tal-art (inkluż ix-xatt) li jipprovdi informazzjoni ġeospazjali dwar il-kopertura tal-art u l-bidliet tagħha, l-użu tal-art, l-istat tal-veġetazzjoni, iċ-ċiklu tal-ilma u l-enerġija ta' wiċċ id-dinja lil firxa kbira ta' utenti, fil-qasam tal-applikazzjonijiet ambjentali terrestri; u JISĦAQ li s-servizzi u l-applikazzjonijiet ta' Copernicus jipprovdu kontribut imprezzabbli għat-tranżizzjoni ekoloġika u għat-teħid ta' deċizzjonijiet u l-għodod ta' ppjanar għall-ġid aħħari taċ-ċittadini;
- 4) JAGĦRAF id-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Unjoni għall-Mediterran (UgħM) dwar l-Ekonomija Blu Sostenibbli minn Frar 2021 li tidentifika d-dimensjoni kostali u l-utenti bħala prijorità ta' Copernicus, filwaqt li tkompli l-koordinazzjoni attwali tas-servizzi tal-baħar u tal-art ta' Copernicus u testendiha għal servizzi ewlenin oħra, u tqis ir-rekwiżiti tal-organizzazzjonijiet għas-servizzi nazzjonali kostali bbażati fuq il-pajjiżi tal-Med7⁶;
- 5) IFAKKAR li l-Osservazzjoni tad-Dinja taqdi rwol vitali fil-monitoraġġ tal-bidliet fil-parametri ġeofiżiċi u l-impatt tal-attività tal-bniedem fuq l-ibħra, l-oċeani u speċjalment fiż-żoni kostali, li jikkostitwixxu ekosistemi importanti; JAGĦRAF li ż-żoni kostali la huma indirizzati bis-sħiħ mis-servizzi tal-art u lanqas daww tal-baħar b'mod integrat, u jeħtieġ li jkunu soġġetti għal data, servizzi u prodotti ddedikati, kif rakkomandat mill-evalwazzjoni interim ta' Copernicus, biex nifhmu aħjar il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima abbażi ta' kontribuzzjonijiet u interazzjonijiet bejn il-klima, l-oċeani, l-ibħra u uċuh l-art; JAGĦRAF li dawn is-servizzi ta' monitoraġġ tax-xatt għandhom ikunu bbażati fuq il-ħtiġijiet tal-utenti u, fejn possibbli, jinbnew b'mod li jikkomplementa sistemi ta' monitoraġġ privati u pubbliċi eżistenti;

⁶ Il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, Malta u l-Portugall

- 6) JISĦAQ li ż-żoni kostali huma l-iktar magħmula minn reġjuni b'popolazzjoni kbira, ċentri ta' attivitajiet ekonomiċi intensi li jrawmu ekonomija blu, li huma ekosistemi li qed jiffaċċjaw sfidi u riskji serji minħabba t-tibdil fil-klima u fenomeni oħra naturali u kkawżati mill-bniedem u li daww iż-żoni huma assi ewlenin għall-Ekonomija Blu tal-UE għat-tkabbir u t-tranżizzjoni ekoloġika tal-Ewropa għall-ġid taċ-ċittadini;
- 7) IFAKKAR fir-rwol ta' Copernicus biex isaħħaħ aħjar l-għarfien tagħna dwar ix-xtut li qed jinbidlu; u li s-servizzi u l-applikazzjonijiet tiegħu huma xierqa biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima u jikkontribwixxu għal żvilupp sostenibbli tal-attivitajiet tal-bniedem b'approċċ bilanċjat għall-preservazzjoni dejjiema tal-ekosistemi kostali u l-bijodiversità relatata tal-baħar u tal-art;
- 8) JINNOTA li s-sitt servizzi tematiċi ta' Copernicus iwieġbu għall-ħtiġijiet tal-utenti fl-oqsm tal-monitoraġġ tal-atmosfera, tal-monitoraġġ tal-ambjent tal-baħar, tal-monitoraġġ tal-art, tat-tibdil fil-klima, tal-ġestjoni tal-emerġenzi u s-sigurtà; JAGĦRAF, madankollu, li għad hemm nuqqasijiet fil-kejl tal-fatturi varjabbli ewlenin fl-ekosistemi kostali u li jenħtieġu sforzi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi prodotta data regolament u b'omoġeneità u interoperabbiltà, JILQA' d-data mis-sħab internazzjonali tagħna biex jissaħħu l-prodotti ta' Copernicus; u JAPPOĠĠA inizjattivi fl-oqfsa internazzjonali multilaterali dwar il-monitoraġġ taż-żoni kostali b'data bbażata fuq l-ispazju;
- 9) IFAKKAR li s-servizzi taż-żoni kostali jeħtieġu approċċ multidimensjonali fil-fatturi varjabbli li għandhom jitkejlu u għas-servizzi u l-attivitajiet li għandhom jiġu żviluppati sabiex ikun hemm sistema ta' informazzjoni affidabbli u komprensiva bbażata fuq data u mmudellar tal-Osservazzjoni tad-Dinja. Id-dimensjonijiet li għandhom jitqiesu jistgħu jinkludu s-sikurezza u s-sigurtà tan-nies u l-infrastrutturi, kif ukoll il-ħarsien u l-ġestjoni tal-art u ż-żoni urbani u tal-ekosistemi kostali, fosthom il-ġestjoni tal-ilma u l-enerġija u l-ħarsien tal-wirt kulturali u l-infrastruttura marittima. Il-kejl tat-tniġġis, l-erożjoni, il-kopertura tal-art u l-użu tal-art, l-għargħar u ż-żieda fil-livell tal-baħar ser jiffaċilitaw il-monitoraġġ u t-tbassir għall-appoġġ tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għaliha; IĦEĠĠEĠ użu aktar mifrux ta' data satellitari biex jikkomplementa l-monitoraġġ ambjentali nazzjonali u statutorju li bħalissa huwa spiss ibbażat l-iktar fuq data in situ;

- 10) IQIS li hija meħtieġa koordinazzjoni tajba fost l-entitajiet rilevanti sabiex jingħataw servizzi kkombinati f'diversi oqsma ta' interess għall-ekosistemi kostali li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-utenti bl-aħjar mod, bħal bejn is-servizzi tas-sigurtà tal-monitoraġġ tal-ambjent tal-baħar, is-servizzi ta' emerġenza, il-monitoraġġ tal-art, jew id-data meteoroloġika u klimatika u t-tbassir tat-temp;
- 11) JISĦAQ li dawn l-approċċi jibbenefikaw mill-qsim tal-għarfien, fosthom data prodotta minn sistemi kostali nazzjonali u reġjonali, kemm pubbliċi kif ukoll privati, biex jipprovdu valur miżjud għall-informazzjoni eżistenti u l-qsim tar-rekwiżiti tal-utenti fiż-żoni kostali biex jiġi ppjanat l-iżvilupp ta' servizzi u prodotti kostali apposta; u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżviluppa approċċ miftiehem u koordinat għall-integrazzjoni tas-servizzi bbażati fuq is-satelliti, partikolarment il-prodotti u s-servizzi ta' Copernicus, flimkien ma' attivitajiet ta' stimolazzjoni tas-suq għall-kumpaniji, fosthom l-SMEs, negozji ġodda u negozji li qed jespandu, biex jinħolqu soluzzjonijiet, imfassla għall-utenti kostali, integrati ma' għodod żviluppati u li qed jintużaw mill-Istati Membri;
- 12) JILQA' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tafda l-Entitajiet Fdati ta' Copernicus inkarigati mis-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Ambjent tal-Baħar ta' Copernicus (CMEMS) u s-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Art ta' Copernicus (CLMS) biex itejbu l-kombinazzjoni taż-żewġ servizzi, flimkien mal-komponent in situ ta' Copernicus, u biex jikkonsolidaw l-interfaċċi ma' servizzi rilevanti oħra, biex jagħtu prodotti tad-data speċjalment maħsuba għaż-żoni kostali fl-UE; u JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-EUSPA għall-iżvilupp ta' pjan ta' implimentazzjoni għall-adozzjoni ta' servizzi u data spazjali fis-settur downstream, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-fora tal-utenti, li jtejb u jintegraw il-kontributi tas-servizzi tal-baħar u tal-art, flimkien ma' servizzi rilevanti oħra, flimkien ma' attivitajiet ta' bini ta' kapacià; IĦEĠĠEĠ li l-immudellar tal-ekosistemi kostali jiġi żviluppat b'approċċ gradwali, li jibda minn proġetti pilota f'ekosistemi iżgħar bħal fl-Artiku u l-Baċir tal-Mediterran, żoni tal-Atlantiku tal-UE, jew il-Baħar Baltiku, l-Iswed u tat-Tramuntana;

- 13) ITENNI li Spazju Ġdid, jekk ikun adattat sew għall-ħtiġijiet tal-utenti u għall-opportunitajiet tas-suq, jista' jipprovdi servizzi u soluzzjonijiet faċilitati minn teknoloġiji spazjali li huma meħtieġa għaż-żoni kostali Ewropej; u JAPPELLA lill-Kummissjoni u l-EUSPA biex jisfruttaw b'mod attiv opportunitajiet bħal dawn li jistgħu jiġġeneraw tkabbir ekonomiku addizzjonali u li minnhom tgawdi s-soċjetà iġenerali;
- 14) IĦEĠĠEĠ li nkomplu nisfruttaw is-sinerġiji ma' Orizzont Ewropa, fosthom il-Missjonijiet ta' Orizzont Ewropa, jiġifieri l-Missjoni dwar oċeani b'saħħithom, ibħra kostali u ilmijiet interni, il-Missjoni dwar bliet intelliġenti u newtrali għall-klima, u l-Adattament tal-Missjoni għat-tibdil fil-klima inkluż it-trasformazzjoni tas-soċjetà għal proċessi ta' innovazzjoni abilitanti li jgħaqqdu t-teknoloġiji ta' osservazzjoni tad-dinja mal-ippożizzjonar bis-satellita u pjattaformi teknoloġiċi oħra bbażati fuq l-art jew fl-ajru; u JFAKKAR fir-rwol importanti ta' Orizzont Ewropa biex jiffaċilita u jiżviluppa soluzzjonijiet spazjali innovattivi u jappoġġa l-industrija spazjali Ewropea;
- 15) JAGĦRAF li satelliti ta' osservazzjoni tad-Dinja u sorsi ta' data in situ jipprovdu kwantità kbira ta' data siewja biex jissawru għodod kumplessi ta' mmudellar li jistgħu jintużaw finizjattivi bħall-inizjattiva Destinazzjoni d-Dinja; JISĦAQ li l-qsim ta' data u użu aktar mifruq ta' teknoloġiji diġitali innovattivi, bħall-intelliġenza artifiċjali u informatika ta' prestazzjoni għolja, itejbu l-applikazzjoni tad-data ta' osservazzjoni tad-dinja għaż-żoni kostali;
- 16) IQIS li d-data ta' Copernicus u s-Servizzi ta' Copernicus bħala kontributi essenzjali għal Destinazzjoni d-Dinja, kif jidher fil-komponent "Digital Twin Ocean" li għandu jkun ibbażat fuq is-servizz marittimu ta' Copernicus, u jistenna li Destinazzjoni d-Dinja tikkontribwixxi wkoll għall-oġġettivi ta' Copernicus, u b'hekk tiżgura koordinazzjoni mill-qrib;
- 17) JAGĦRAF il-kontributi sinifikanti li ser jiġu offriti mis-Servizz ta' Emerġenza Galileo biex jintbagħtu t-twissijiet tal-awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili lill-popolazzjoni ta' żoni kostali f'każ ta' diżastri u perikli naturali, u mis-servizz ta' Tfittxija u Salvataġġ (SAR) ta' Galileo li bħalissa huwa r-referenza f'applikazzjonijiet tas-SAR tal-baħar biex jgħin biex jinstabu persuni f'diffikultà madwar id-dinja.